Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-27 ta' Novembru 2023**

**Kump. Nru. 7221/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Versus**

**Marhawi Tashu Mariam**
**(Numru tal-Pulizija : 19J-182)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Marhawi Tashu Mariam**, detentur tan-numru tal-Pulizija 19J-182.

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Settembru 2023, ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu (08:00hrs), minn gewwa Triq Hal Qormi, Hamrun :-

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti ohra, minn vettura tal-ghamla Seat Marbella, bin-numru ta' registrazzjoni BBH284, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Domenic Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

2. U kif ukoll, talli ghix hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 8, 31 49, 50, 261(g), 271(g), 281(a) u 338w tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed **tikkundannah ghal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**